TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 44/11

**Anna u Alfred u Tina Anastasi**

**vs**

**KD Travel u Emirates Airlines Ltd.**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, disa' mija u tmenin ewro (€1,980), rappreżentanti kanċellament ta' titjira lejn l-Awstralja via Dubai u telf ta' spejjeż tal-visas għal tlieta min-nies u telf ta' ġurnata ġewwa Dubai.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettew bil-miktub illi huma kienu bbukjaw vjaġġ lejn l-Awstralja via Dubai, fejn kellhom jieqfu ġurnata u lejl Dubai, u għalhekk kellhom iħallsu l-visas ukoll. Illi l-ajruplan ġie *delayed* minħabba raġunijiet tekniċi, u huma tilfu l-*connection* lejn Dubai u marru lejn l-Awstralja mingħajr m'għamlu waqfa fuq *re-routing* ta' l-ajruplan.

Is-soċjeta' intimata KD Travel Ltd. issottomettiet illi aġixxew biss bħala aġenti ta' Emirates Airlines Ltd u għalhekk għandha tirrispondi wkoll Emirates Airlines Ltd.

Is-soċjeta' intimata Emirates Airlines Ltd da parte tagħha ssottomettiet illi kien hemm problemi tekniċi minħabba li l-ajruplan intlaqat minn sajjetta u għalhekk ma kienx possibli dak il-vjaġġ, pero' kien ġie *re-routed* u marru l-għada lejn l-Awstralja.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi huwa veru li r-rikorrenti tilfu s-sosta ġewwa Dubai għall-ġurnata li ħallsu għal visas, pero' huwa minnu wkoll li dawn waslu l-Awstralja fi żmien relattivament qasir wara li kellhom jaslu.

It-Tribunal jinnota wkoll illi r-raġuni li l-vjaġġ ġie kkanċellat kien minħabba s-sajjetta u li dan huwa *'Act of God'*.

It-Tribunal, jinnota u jikkonkludi, illi s-soċjetajiet intimati m'għandhomx tort talli ġiet ikkanċellata t-titjira, pero' lanqas ir-rikorrenti m'għandhom tort.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata Emirates Airlines Ltd tħallas l-ammont ta' mija u tmenin ewro (€180) għall-visas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**